**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 25 ta' Jannar, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 1199/2022 AF**

**Pullicin ConBricks Limited (C-91893) ta' Pullicino Yard, Sqaq iz-Ziemel, Handaq Industrial Estate, Qormi**

**vs**

**Reuben Sacco ta' 49, The Doves, Triq l-Assemblea Nazzjonali, San Gwann**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Pullicin ConBricks Limited, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Il-konvenut jinsab debitur tas-socjetà attrici fis-somma ta' tlieta u erbghin elf u sebgha u ghoxrin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€43,027.75) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' bejgh ta' concrete, bricks u materjal kif ukoll kirjiet ta' concrete pump u servizzi relatati li baqghu ma thallsux, liema dejn hu cert, likwidu u dovut.  Kopja ta' statement hawn mehmuz u mmarkat Dok. A.

Nonostante illi gie interpellat sabiex ihallas, il-konvenut baqa' inadempjenti.

Il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet xi jressaq kontra t-talbiet attrici.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

L-esponenti jaf personalment bil-fatti hawn esposti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddispensa mis-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta' tlieta u erbghin elf u sebgha u ghoxrin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€43,027.75) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' bejgh ta' concrete, bricks u materjal kif ukoll kirjiet ta' concrete pump u servizzi relatati li baqghu ma thallsux.

Bl-imghax, skond il-ligi sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokument anness.

Rat li Reuben Sacco, minkejja li kien debitamet notifikat, ma deherx ghall-kawza.

Rat in-nota ta' Reuben Sacco, li permezz taghha huwa ddikjara li qed jammetti t-talbiet attrici.

Rat in-nota tas-socjetà rikorrenti, li permezz taghha t-talba giet ridotta ghal €33,027.75.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lil Reuben Sacco ihallas lil Pullicin ConBricks Limited is-somma ta' tlieta u tletin elf u seba' u ghoxrin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (33,027.75), bl-imghaxijiet u spejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha minn Reuben Sacco.

IMHALLEF

DEP/REG